

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-20 ta' Marzu 2013

li tħassar id-Deċiżjonijiet BĊE/2011/4 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Irlandiż, BĊE/2011/10 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Portugiż, BĊE/2012/32 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika u BĊE/2012/34 dwar bidliet temporanji fir-regoli li jirrigwardaw l-eliġibbiltà ta' kollateral denominat f'munita barranija

(BĊE/2013/5)

(2013/168/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikoli 3.1, l-Artikolu 12.1, l-Artikolu 18 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2011/14 tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-Taqsima 1.6 u t-Taqsimiet 6.3.1 u 6.3.2 ta' Anness I tagħha,

Billi:

- (1) Il-kontenut ta' Deċiżjoni BĊE/2012/34 tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar bidliet temporanji fir-regoli li jirrigwardaw l-eliġibbiltà ta' kollateral denominat f'munita barranija⁽²⁾ għandu jkun inkluż fil-Linja Gwida BĊE/2012/18 tat-2 ta' Awwissu 2012 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9⁽³⁾, l-att legal ewlieni li jirregola l-miżuri temporanji fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral.
- (2) Fl-interess taċ-ċarezza u l-konsistenza u bil-ħsieb li jiġi simplifikat il-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema, il-kontenut tad-Deċiżjonijiet BĊE/2011/4 tal-31 ta' Marzu 2011 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Irlandiż⁽⁴⁾, BĊE/2011/10 tas-7 ta' Lulju 2011 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Portugiż⁽⁵⁾, BĊE/2012/32 tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggaran-

titi bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika⁽⁶⁾ għandu jkun ukoll inkluż f'linja gwida li tkopri l-miżuri temporanji dwar l-eliġibbiltà ta' kollateral għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema.

- (3) Dawn il-passi, li huma implimentati permezz ta' riformulazzjoni tal-Linja Gwida BĊE/2012/18, għandhom barra minn dan jippermettu lill-banek ċentrali nazżjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro biex jimplementaw il-miżuri addizzjonali ta' appoġġ għat-tisħiħ tal-kreditu fil-qafas kuntrattwali u regulatorju applikabbli lill-kontropartijiet tagħhom.
- (4) Id-Deċiżjonijiet BĊE/2011/4, BĊE/2011/10, BĊE/2012/32 u BĊE/2012/34 għandhom għalhekk jiġu mħassra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tħassir tad-Deċiżjonijiet BĊE/2011/4, BĊE/2011/10, BĊE/2012/32 u BĊE/2012/34

1. Id-Deċiżjonijiet BĊE/2011/4, BĊE/2011/10, BĊE/2012/32 u BĊE/2012/34 huma mħassra b'effett mit-3 ta' Mejju 2013.
2. Referenzi għad-Deċiżjonijiet imħassra għandhom jinftehm u bħala referenzi għal Linja Gwida BĊE/2013/4.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-22 ta' Marzu 2013.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-20 ta' Marzu 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ ĠU L 331, 14.12.2011, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 14, 18.1.2013, p. 22.⁽³⁾ ĠU L 218, 15.8.2012, p. 20.⁽⁴⁾ ĠU L 94, 8.4.2011, p. 33.⁽⁵⁾ ĠU L 182, 12.7.2011, p. 31.⁽⁶⁾ ĠU L 359, 29.12.2012, p. 74.